# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 23 ta' Ġunju, 2025.**

**Numru 11**

**Rikors numru 6/2007/1 BS**

**Z1**

**v.**

**Z2**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mill-konvenut Z2 minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni tal-Familja, fit-8 ta' Frar, 2024, fejn din: (i) ippronunzjat il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet, bi ħtija esklussiva tal-

konvenut minħabba fit-termini tal-**Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili**, b'dana illi l-partijiet ġew awtorizzati jgħixu separatament; (ii) ordnat li l-konvenut iddekada minn kull dritt li jitlob jew jipperċepixxi manteniment minngħand l-attriċi, filwaqt li ddikjarat illi spiċċa d-dritt tal-partijiet li jirtu lil xulxin; (iii) ordnat li l-konvenut għandu jħallas lill-attriċi manteniment fis-somma ta' €350 fix-xahar, liema somma għandha titnaqqas direttament mill-kontijiet tiegħu maqbuda mas-soċjetà -omissis- bil-mandat ta' sekwestru viġenti u li għandu jibqa' hekk; u (iv) awtorizzat lill-attriċi ddur lura għal kunjom xbubitha.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf tad-9 ta' Marzu, 2007, l-attriċi fissret li hija u l-konvenut iżżewġu fit-3 ta' Ġunju, 1984, u kellhom tlett (3) itfal, li dak iż-żmien tnejn minnhom kienu għadhom minorenni. Hija ttenni li l-ħajja miżżewġa tagħhom saret impossibbli minħabba moħqrija, eċċessi, nġurji gravi, theddid, vjolenza fiżika, vjolenza mentali u adulterju li wettaq fuqha u magħha l-konvenut. Issoktat tgħid li l-ħajja miżżewġa m'għadhiex aktar possibbli, u minħabba f'hekk, wara li ġabet il-permess mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni tal-Familja, l-attriċi fetħet din il-kawża u talbet lill-istess Qorti sabiex:

*«1. TIDDIKJARA u TIPPRONUNZJA s-separazzjoni personali bejn il-*

*kontendenti u dana minhabba tortijiet unikament u esklussivament imputabbli lill-intimat kif fuq spjegat u TAWTORIZZA lir-rikorrenti tghix separatament minn ma' l-intimat;*

*2. TILLIKWIDA ammont adegwat ta' manteniment li għandu jkun pagabbli mill-intimat lir-rikorrenti ghaliha u ghall-minuri Z3 u Z4 fuq imsemmija, filwaqt li TORDNA U TIKKUNDANNA lill-istess intimat sabiex ihallas lir-rikorrenti dik ir-retta alimentarja hekk likwidata, u TIPPROVDI dwar il-modalitàjiet ta' kif l-istess manteniment ghandu jigi rivedut kull sena jew perjodikament;*

*3. TIDDIKJARA li l-intimat iddekada minn kwalsiasi dritt li jitlob jew li jippercepixxi manteniment minghand ir-rikorrenti;*

*4. TAPPLIKA kontra l-intimat l-effetti in toto jew in parte tal-artikoli 48, 51, 52 tal- Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta sa fejn applikabbli, inkluza izda mhux biss, il-komminazzjoni li tilef kull dritt li jiret mir-rikorrenti;*

*5. IXXOLJI U TILLIKWIDA l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn ilkontendenti u taqsamha f'zewg porzjonijiet mhux necessarjament ugwali, u TASSENJA porzjon lir-rikorrenti u porzjon lill-intimat ope sententiam, u jekk okkorrendo jkun il-kaz tinnomina nutar pubbliku sabiex jircievi l-att relattiv li fih jigu nkorporati l-effetti kollha ta' kull eventwali sentenza u kuraturi sabiex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumaci fuq l-istess att;*

*6. TIKKUNDANNA lill-intimat sabiex jirrestitwixxi lir-rikorrenti fi zmien qasir u perentorju li ghandu jigi lilu prefiss minn din il-Qorti l-beni kollha dotali u/jew parafernali, kif ukoll id-deheb personali taghha u tat-tfal, li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza, u/jew jittiehed kont tal-valur taghhom fil-likwidazzjoni u apporzjonament tal-komunjoni tal-akkwisti fuq imsemmija, okkorrendo b'opera ta' periti nominandi, liema valur ghandu jitnaqqas mis-sehem spettanti lilu favur ir-rikorrenti fillikwidazzjoni u divizjoni tal-komunjoni tal-akkwisti fuq imsemmija;*

*7. TAKKORDA lir-rikorrenti b'mod esklussiv il-kura w il-kustodja ta' Z3 u Z4;*

*8. TAWTORIZZA lir-rikorrenti sabiex tghix u tabita fid-dar -omissis- inkluz il-garage maghha anness, flimkien mal-minuri Z3 u Z4, u dana ad eskluzjoni tal-intimat, u taghti kull provvediment xieraq u opportun ghal dan l-iskop;*

*9. TASSENJA lir-rikorrenti d-dar -omissis- inkluz il-garage maghha anness, bhala sehemha shih jew akkont mill-beni tal-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-kontendenti;*

*10. Finalment TAWTORIZZA lir-rikorrenti tirriverti ghal kunjom ta'*

> *xbubitha -omissis- u tordna d-debita registrazzjoni fir-Registru Pubbliku ta' Ghawdex, tal-bdil fil-kunjom taghha minn dak ta' mizzewga.*
> *BL-ISPEJJEZ inkluz tal-Ittra numru 15/2007, u bl-intimat minn issa ngunt ghas-subizzjoni.»*

3. Il-konvenut wieġeb għar-rikors maħluf permezz tat-tweġiba maħlufa tiegħu tat-2 ta’ Lulju, 2007, fejn qal li fil-każ odjern ma hemmx r-rekwiżiti għall-firda personali u lanqas lok li jiġu applikati kontra tiegħu dawk is-sanzjonijiet kontemplati fil-liġi. Jispjega li kienet l-attriċi li abbandunat id-dar matrimonjali, u ma hijiex f’pożizzjoni illi trabbi lil uliedhom. Skontu, minħabba l-aġir tal-attriċi, hija tilfet ukoll kull dritt li tipperċepixxi *kwalsiasi* manteniment minn għandu. Fir-rigward tat-terminazzjoni, likwidazzjoni u diviżjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, huwa jgħid illi hemm kawża oħra ppreżentata mill-attriċi kontrih, li ġġib in-numru 17/2006, fejn hemm mressqa talbiet tal-istess natura.

4. Permezz ta’ tliet (3) noti tal-attriċi datati: (i) 28 ta’ Settembru, 2023; (ii) 17 ta’ Ottubru, 2023; u (iii) 27 ta’ Novembru, 2023, fejn ġew irtirati t-talbiet tagħha bin-numru 2 (*in parte*), 5, 6, 7, 8 u 9. B’hekk, l-Ewwel Qorti kienet limitata illi tikkonsidra u tiddeċiedi biss it-talbiet rimanenti.

5. B’sentenza preliminari mogħtija fit-8 ta’ Marzu, 2016, il-Qorti laqgħat it-talba tal-konvenut sabiex it-talba għas-separazzjoni personali

titqies bħala talba għad-divorzju bejn il-partijiet.

6. B'sentenza mogħtija fit-8 ta' Frar, 2024, mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni tal-Familja, iddeċidiet il-kawża hekk:

> *«Ghaldaqstant, in vista tal-premess u ghar-ragunijiet kollha hawn fuq espressi, din il-Qorti qieghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi filwaqt illi tiddisponi mill-eccezzjonijiet tal-konvenut konformement ma' dak hawn deciz:*
>
> *1. Tilqa' l-ewwel talba attrici kif konvertita f'talba ghal pronunzjament tad-divorzju, tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet u tattribwixxi it-tort ghall-istess lill-konvenut b'dan li tawtorizza lill-attrici tghix separatament mill-konvenut ai termini tal-Artikolu 66L(4)(a) tal-Kap. 16, Ligijiet ta' Malta;*
>
> *2. Tilqa' it-tieni talba attrici u tillikwida fil-valur ta' €350 fix-xhar ilmanteniment li ghandu jithallas mill-konvenut lill-attrici kif bhalissa jithallas ossia; direttament mill-kontijiet li l-konvenut ghandu maqbuda mas-socjetà -omissis- bil-mandat ta' sekwestru li hemm in vigore fuq l-istess li ghandu jibqa' hekk in vigore. 75 Tipprovdi wkoll li l-istess manteniment ghandu joghla kull sentejn skond l-indici tal-gholi tal-hajja;*
>
> *3. Tilqa' it-tielet talba attrici u tiddikjara li l-konvenut iddekada minn kwalsiasi dritt li jitlob jew li jippercepixxi manteniment minghand l-attrici;*
>
> *4. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tar-raba' talba attrici ghajr li tiddikjara li ai termini tal-Artikolu 66L(4)(ċ) spicca d-dritt tal-partijiet ghas-successjoni ta' xulxin u dan, b'effett mid-data meta din id-decizjoni ssir res judicata;*
>
> *5. Tilqa' l-ghaxar talba attrici u tawtorizza lill-istess attrici tirriverti lura ghal-kunjom xbubitha -omissis-. Tordna wkoll id-debita registrazzjoni fir-Regsitru Pubbliku ta' Ghawdex ta' dan il-bdil filkunjom tal-attrici;*
>
> *6. Tastjeni mill tiehu konjizzjoni ulterjuri tar-rimanenti tlabiet attrici stante l-irtirar taghhom kif spjegat fil-parti preliminari ta' din id-decizjoni.*
>
> *ADDIZZJONALMENT; ai termini tal-Artikolu 66A tal-Kap. 16, Ligijiet*

*ta' Malta, din il-Qorti tindika li:*

*i. in-numru progressiv tar-registrazzjoni tal-Att taz-Zwieg tal-partijiet huwa 75/1984, u;*
*ii. in-numri tal-karta tal-identita' tal-partijiet kontendenti huwa -omissis- ghall-attrici -omissis- u -omissis- ghallkonvenut Z2;*

*Il-Qorti tordna wkoll lir-Registratur tal-Qrati sabiex javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju bejn il-partijiet kontendenti sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.*

*Bl-ispejjez ta din il-kawza a karigu tal-konvenut.»*

7. Ir-raġunijiet mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni tal-Familja, għaliex iddeċidiet il-kawża b'dan il-mod kienu dawn:

*«Dwar it-talba ghal-manteniment pagabbli da parti tal-konvenut versu l-attrici:*

*L-obbligu tal-manteniment huwa regolat permezz tal-Artikolu 54 tal-Kap. 16 li, inter alia, jiddisponi kif isegwi:*

*54. (1) Il-parti li kontra tagħha tinqata l-firda mhix meħlusa, minħabba dik il-firda, mill-obbligu tal-manteniment tal-parti l-oħra, meta dan il-manteniment ikollu jingħata skont id-dispożizzjonijiet tas-Sub-titolu I ta' dan it-Titolu.*[1]

*(2) L-ammont tal-manteniment imsemmi fis-subartikolu (1), kif ukoll il-manteniment dovut lill-ulied f'każ ta' firda, jiġi stabbilit billi jitqiesu lmezzi tal-miżżewġin, il-ħila tagħhom li jaħdmu u l-bżonnijiet tagħhom, u għandhom jitqiesu wkoll iċ-ċirkostanzi l-oħra kollha tal-miżżewġin u talulied, inkluż dan li ġej:*

*[…]*

*(d) jekk il-ħila tal-parti li jkun dovut lilha l-manteniment illi tagħmel qligħ ta' kull xorta ġietx imnaqqsa għaliex dik il-parti tkun, matul iż-żwieġ, ħadet ħsieb id-dar, il-parti l-oħra u t-trobbija tat-tfal taż-żwieġ;*

*(e) kull qligħ jew benefiċċju li l-miżżewġin, jew min minnhom, jirċievu skont il-liġi, minbarra kull għajnuna soċjali li mhix kontributorja li tkun*

[1] Is-Sub-Titolu I jittratta l-jeddijiet u d-dmirijiet tar-raġel u l-mara lejn xulxin.

*qed titħallas lilhom taħt l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali;*

*[…]*

*(4) Il-qorti fl-għoti tal-manteniment tista' tipprovdi wkoll għall-mod ta' kif dan jista' jawmenta minn żmien għal żmien.*

*L-artikoli addizzjonali tal-Kap. 16 diga succitati jipprovdu ghat-telf tad-dritt li jintalab il-manteniment biss fejn il-parti li tkun altrimenti ntitolata li tircievi l-istess tinsab hatja tal-firda ghal-wahda mir-ragunijiet enunzjati fl-Artikoli 38, 40, jew 41 tal-istess Kap. 16.*[2]

*B'dan li f'dan il-kaz in ezami l-konvenut ma' talabx ordni ghal-hlas ta' manteniment da parti tal-attrici mentri l-attrici talbet l-istess.*

*Addizzjonalment, tul il-pendenza ta' dawn il-proceduri tressqu diversi rikorsi da parti tal-konvenut ghar-revizjoni tal-manteniment mhallas pendente lite li lkoll gew decizi min din il-Qorti kif diversament presjeduta bl-ahhar wiehed mis-sensiela twila tal-istess gie deciz bid-digriet tal-5 ta' Gunju, 2015*[3] *fejn il-Qorti kif diversament presjeduta rriteniet li:*

*Illi tqis li Z2 ma' ressaqx provi sufficjenti sabiex jevidenzja l-allegazzjoni tieghu li martu ghandha x'introjtu iehor ghajr il-manteniment u tqis li pendente lite s-somma ta' €350 bhala manteniment ghal martu hija gustifikata.*

*Il-Qorti tosserva li tul iz-zmien kollu minn dakinhar tad-digriet tal-5 ta' Gunju, 2015 'il quddiem ma' tressqu ebda provi da parti tal-konvenut li nbiddlu xi cirkostanzi kemm da parti tieghu jew da parti tal-attrici li jistghu jiggustifikaw twaqqif jew bdil fil-hlas ta' manteniment da parti tieghu versu l-attrici.*

*B'dan li ghalhekk il-provi in atti baqghu dawk li kien hemm fiz-zmien li giet iffissata r-retta alimentari pendente lite u kif din giet revizjonata minn zmien ghal zmien fil-mori tal-proceduri.*

*Din il-Qorti thoss li ghalhekk, u tenut kont ta' dawn ic-cirkostanzi, hija tinsab sprovvista minn provi u dokumentazzjoni mehtiega sabiex tkun tista tvarja r-retta alimentari kif bhalissa applikabbli u sejra ghalhekk izzom ferma l-obbligazzjoni ghal-hlas tal-manteniment da parti talkonvenut versu l-attrici.»*

8. Il-konvenut appella minn din is-sentenza fil-11 ta' Marzu, 2024, u

[2] Ref.: Artikolu 48(1)(d), Kap. 16.
[3] Digriet a fol 842 u 843.

ressaq żewġ (2) aggravji fejn fihom jilmenta dwar kif: (i) l-Ewwel Qorti żbaljat hekk kif din ma setgħatx tgħaddi għas-sentenza f'dawn l-atti qabel mal-kawża fl-istess ismijiet bin-numru 17/2006 tgħaddi in ġudikat; u kif, (ii) l-Ewwel Qorti ordnat lill-konvenut appellant sabiex iħallas manteniment lill-attriċi – ir-raġuni, l-ammont ordnat, u l-modalità wara l-istess deċiżjoni.

9. L-attriċi wieġbet għal dan l-appell fil-15 ta' April, 2024, u hemmhekk hija tat ir-raġunijiet tagħha għalfejn hija temmen li l-appell tal-konvenut għandu jiġi miċħud.

10. Il-Qorti wara li rat l-atti kollha tal-kawża, tqis li m'hemmx il-ħtieġa li tqiegħed dan l-appell għas-smigħ u b'hekk sejra tgħaddi minnufih għas-sentenza b'riħet l-**Artikolu 152(5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

**L-ewwel aggravju**

11. Fit-**<u>ewwel aggravju</u>** tiegħu, il-konvenut jilmenta dwar kif minkejja din il-kawża odjerna kellha timxi mal-kawża bin-numru 17/2006 BS (fl-istess ismijiet u li kienet tiffoka dwar it-terminazzjoni, likwidazzjoni u diviżjoni tal-komunjoni tal-akkwisti tal-partijiet) bl-iskop li jiġu deċiżi flimkien, għal xi raġuni dan ma seħħx, tant li ngħataw żewġ sentenzi fi

stadji differenti. Jispjega għalhekk illi l-Ewwel Qorti ma setgħatx tgħaddi għas-sentenza f'dawn l-atti qabel ma' l-kawża bin-numru 17/2006 BS tgħaddi in ġudikat.

12. L-attriċi appellata tilqa' għal dan l-aggravju billi tgħid illi ma hemm l-ebda konnessjoni bejn iż-żewġ kawżi in kwistjoni, iżda kienu għal ċertu żmien qegħdin jimxu flimkien quddiem l-istess ġudikant. Lanqas ma kien hemm xi qbil li l-provi f'kawża minnhom għandhom jikkostitwixxu prova fil-kawża l-oħra, u viċi versa; jew li ż-żewġ kawżi jiġu deċiżi flimkien. Tikkonferma illi mis-7 ta' April, 2022 'il quddiem, iż-żewġ kawżi ma baqgħux jimxu flimkien. L-attriċi tgħid ukoll, li meta dan seħħ, il-konvenut appellant fl-ebda waqt ma oġġezzjona għal dan. Lanqas ma talab il-prolazzjoni tas-sentenza fi tmiem l-*iter* tal-kawża bin-numru 17/2006 sabiex tkun tista' tingħata ma' dik odjerna. Fi kwalunke każ, l-attriċi appellata tgħid li l-konvenut appellant ma pprova l-ebda dannu jew preġudizzju soffert minnu minħabba tali proċedura. Għalhekk ssostni illi dan l-aggravju huwa fieragħ għall-aħħar.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

13. Din il-Qorti rat illi l-attriċi bdiet b'azzjoni kontra l-konvenut fit-8 ta' Novembru, 2006, bin-numru 17/2006 BS, fejn talbet it-terminazzjoni, id-diviżjoni u l-assenjazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti minħabba li skontha żewġha kien qed jamministra ħażin il-komunjoni tal-akkwisti tant li

allegatament d-drittijiet tagħha kienu qed jiġu preġudikati. Wara u fid-9 ta' Marzu, 2007, l-attriċi bdiet il-kawża odjerna bin-numru 6/2007 BS fejn talbet fost oħrajn, il-firda personali, it-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti u l-manteniment minn għand żewġha l-konvenut. Jidher li dawn iż-żewġ kawżi kienu qegħdin jinstemgħu minn żewġ ġudikanti differenti. Fid-dawl ta' dan, il-konvenut ippreżenta rikors fl-atti tal-kawża bin-numru 17/2006 BS, fejn talab illi ż-żewġ kawżi jinstemgħu kontestwalment. Madankollu, permezz ta' digriet kamerali datat 5 ta' April, 2007, it-talba tal-konvenut ġiet miċħuda għar-raġuni li għalkemm fiż-żewġ kawżi qed jintalab ix-xoljiment u l-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, iż-żewġ kawżi huma fin-natura tagħhom differenti minn xulxin ġaladarba r-raġuni wara x-xoljiment u l-likwidazzjoni msemmija ma hijiex identika. B'hekk l-Ewwel Qorti ma ratx illi hemm lok għall-konnessjoni taż-żewġ kawżi fit-termini tal-**Artikolu 793 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

14. Jidher li reġa' ġie ppreżentat rikors ieħor iżda din id-darba fl-atti tal-kawża odjerna, nhar id-9 ta' Diċembru, 2008, fejn il-konvenut għamel l-istess talba biex iż-żewġ kawżi jinstemgħu flimkien. Mill-atti ma jidhirx li dan id-digriet qatt ġie deċiż.

15. Mill-atti jidher ukoll illi fis-seduta tat-30 ta' Ġunju, 2016, l-attriċi kkonfermat illi filwaqt li rtirat it-talba numru 5 kif dedotta fir-rikors maħluf

tagħha, hija ddikjarat ukoll illi t-talbiet numru 6, 8 u 9 jiddependu fuq l-eżitu tal-kawża bin-numru 17/2006 BS. Barra minn hekk u fl-istess seduta, iż-żewġ partijiet iddikjaraw li ma fadlilhomx iktar provi. Minħabba f'hekk u għal snin twal, il-kawża baqgħat timxi mal-kawża bin-numru 17/2006 BS u tistenna l-eżitu tagħha. Dan baqa' jseħħ sas-7 ta' April, 2022 – hekk kif wara tali data, għal raġuni mhux magħrufa, iż-żewġ kawżi ma baqgħux jimxu flimkien. Riżultat ta' dan, il-kawża bin-numru 17/2006 BS ġiet deċiża nhar it-30 ta' Ġunju, 2023. Madankollu, fl-istess atti daħal rikors ai termini tal-**Artikolu 135** [recte: 235] **tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, u għalhekk ingħatat sentenza għal talba mhux deċiża bl-ewwel sentenza fis-27 ta' Ottubru, 2023. Sakemm ingħatat it-tieni sentenza fl-atti bin-numru 17/2006 BS, il-kawża odjerna kienet għas-sentenza għas-27 ta' Ottubru, 2023, u għalhekk l-attriċi talbet is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza sakemm tingħata s-sentenza fl-atti bin-numru 17/2006 BS – bil-konsegwenza li dik odjerna ġiet deċiża fit-8 ta' Frar, 2024. Minħabba dan, f'dan l-istadju, il-konvenut qed jilmenta illi huwa sofra minn dannu u preġudizzju.

16. Stabbilit il-premess, l-Ewwel Qorti kienet tal-fehma illi għal kull *buon fini* <u>ż-żewġ kawżi għandhom jimxu flimkien</u> minħabba li l-attriċi ddikjarat illi uħud mit-talbiet tagħha jiddependu mill-eżitu tal-kawża bin-numru 17/2006 BS. Madankollu, jidher ukoll u dan għal xi raġuni mhux magħrufa, illi mill-2022 'il quddiem iż-żewġ kawżi ma baqgħux jimxu

flimkien. Minkejja dan, ma jidhirx illi qatt tqajmet xi oġġezzjoni mill-konvenut mal-Ewwel Qorti. Għalhekk, huwa kemmxejn stramb illi issa f'dan l-istadju, il-konvenut qed jilmenta dwar dan.

17. Magħdud mal-premess, din il-Qorti tosserva ukoll illi l-konvenut ma ressaq l-ebda prova tad-dannu li huwa qed iġarrab. Fi kwalunkwe każ, jirriżulta ukoll illi s-sentenza finali kif ukoll is-sentenza tas-27 ta' Ottubru 2023 deċiżi mill-Ewwel Qorti fil-kawża bin-numru 17/2006 BS ġew ikkonfermati minn din il-Qorti tal-Appell nhar il-21 ta' Jannar, 2025. B'hekk, l-eżitu ta' dawk is-sentenzi baqa' l-istess u għalhekk dan ikompli jistabbilixxi kemm dan l-aggravju huwa fieragħ.

18. B'hekk, dan l-aggravju qed jiġi miċħud.

**It-tieni aggravju**

19. **Fit-tieni aggravju**, il-konvenut jilmenta dwar: (i) ir-raġuni wara l-għoti tal-manteniment lill-attriċi appellata; (ii) l-ammont ordnat; u (iii) l-mod kif dan għandu jitħallas lilha kull xahar. Huwa jispjega illi l-Ewwel Qorti żbaljat meta walset għall-konklużjoni illi ma tressqet l-ebda prova li l-attriċi għandha introjtu ieħor apparti l-manteniment, bir-riżultat li l-Ewwel Qorti orndatlu jħallasha €350 fix-xahar li għandhom jitħallsu mill-flus li hemm maqbuda mal--omissis- permezz ta' mandat ta' sekwestru, li għandu jibqa' viġenti anke' wara li s-sentenza tgħaddi in ġudikat.

20. Dan l-aggravju huwa spjegat aħjar hekk:

a. *<u>Fir-rigward tar-raġuni wara tali deċiżjoni</u>*, l-ilment tal-konvenut jibbaża ruħu fuq kif l-Ewwel Qorti injorat il-massima legali *incumbit probatio ei qui dicit, non qui negat*, hekk kif skontu kellha tkun l-attriċi illi tipprova li teħtieġ il-manteniment minn għand żewġha u mhux viċi versa. Jispjega illi llum uliedhom huma adulti, u għalhekk ma hemm l-ebda skuża sabiex l-attriċi ma tingaġġax ruħha b'mod leġittimu u taqla' l-introjtu tagħha.

Il-konvenut jittenta jsaħħaħ l-argument tiegħu billi jagħmel referenza għas-sentenzi fl-ismijiet **C M v. L M**, deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Ottubru, 2013;[4] **M V v. J V**, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Frar, 2003;[5] **D T v. C T**, deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Diċembru, 1997;[6] **M A v. P A**, deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Ottubru, 2014;[7] u **S V E B v. G V**,

---

[4] *"Il-manteniment ma huwiex xi dritt sagrosant ta' min jissepara iżda jiġi ordnat il-ħlas tiegħu meta hemm il-bżonn".*

[5] *"Il-fatt li l-mara ta taħdima ma jfissirx li din m'għandhiex il-potenzjal li taħdem u tiġġenera introjtu"*

[6] *Ibid.*

[7] *"...li meta sseħħ is-separazzjoni personali bejn il-miżżewġin, kemm jekk legali wkoll jekk konsenswali, jinbidel l-ordni tal-affarijiet bejniethom fis-sens li jispiċċa l-obbligu tal-koabitazzjoni, u, għalkemm jibqa' mhux mittiefes l-obbligu tal-assistenza reċiproka fejn dan ikun meħtieġ, jekk fil-każ bħal dak odjern, il-mara fiż-żwieġ ma kienetx tiġġenera introjtu, wara s-separazzjoni hija għandha l-obbligu li tuża l-ħila u l-potenzjal lavorattiv tagħha sabiex tiġġenera introjtu għal għixien tagħha.... Jekk imbagħad minħabba ċirkostanzi li jkunux fil-kontroll tal-konjuġi, bħal fil-każ ta' mard, dan ma jkunx fil-pożizzjoni li jiġġenera introjtu adegwat għall-manteniment tiegħu nnifsu allura, sakemm ma tkunx ġiet pronunzjata kontra tiegħu d-dekadenza mid-dritt li jirċievi l-manteniment, il-konjuġi l-ieħor li jkollu mezzi adegwati*

deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-24 ta' April, 2015.[8]

b. *Fir-rigward tal-ammont ordnat li għandu jitħallas kull xahar*, il-konvenut jilmenta illi s-somma ta' €350 hija esaġerata, hekk kif l-Ewwel Qorti naqset milli tieħu konsiderazzjoni illi huwa: (i) pensjonant b'introjtu minimu ta' €700 kull erba' (4) ġimgħat; (ii) m'għandu l-ebda xogħol bi dħul ieħor; (iii) m'għandu l-ebda flus; u (iv) skont id-diviżjoni u l-assenjazzjoni tal-assi, martu għandha assenjat lilha biżżejjed mezzi sabiex tgħajjex lilha nnifisha.

c. *Fir-rigward tal-mod kif għandu jitħallas il-manteniment*, il-konvenut jgħid illi l-Ewwel Qorti mhux biss kienet żbaljata meta ordnat li l-investiment kif milqut b'mandat ta' sekwestru għandu jibqa' hekk marbut sabiex il-manteniment ikun jista' jiġi mħallas minn hemm; iżda kienet ukoll *ultra petita* fid-deċiżjoni tagħha. Jispjega illi l-Ewwel Qorti ma kinitx mitluba li tispeċifika fis-sentenza tagħha s-sors minn fejn għandu jitħallas tali manteniment. Dan apparti illi din id-dispożizzjoni tas-sentenza tikkontradixxi dak li ġie ordnat fis-sentenza mogħtija fil-kawża bin-numru 17/2006 fejn ġie ordnat li tali investiment jinqasam ugwalment bejn il-partijiet.

---

*għandu l-obbligu li jkompli jmantni lil dak il-konjuġi, u f'dan il-każ japplikaw il-kriterji kontemplati fl-Artikolu 20 tal-Kodiċi Ċivili, u ċioe' li manteniment li jingħata għandu jitqies skont il-bżonn u l-ħila lavorattiva ta' min jitolbu u l-mezzi ta' min hu obbligat li jissoministrah".*

[8] *"l-attriċi m'għandhiex tibqa' tiddependi mill-manteniment ta' żewġha għal dejjem, tenut kont kemm tal-eta' tagħha kif ukoll tal-fatt li ma jirriżultax li hi tbati minn xi kundizzjoni medika li timpediha milli taħdem u tiġġenera introjtu.".*

21. L-attriċi tilqa' għal dan l-aggravju billi tgħid illi dan l-aggravju huwa infondat għall-aħħar. Tispjega illi hi ma taħdimx, apparti li llum għandha l-età u minħabba mard serju, hija ma tistax taħdem. Tispjega ukoll illi l-konvenut kien ħa f'idejh l-ammont sostanzjali ta' flus formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti tal-partijiet li kienu jinsabu fil-kontijiet bankarji u investiti ma' kumpaniji varji, b'dana illi ħalla lill-attriċi lampa stampa. Sabiex tikkorrabora dak allegat minnha, l-attriċi tagħmel referenza għas-sentenzi parzjali mogħtija fl-atti tal-kawża bin-numru 17/2006 BS, nhar:

a. Is-16 ta' Settembru, 2009 – fejn ġie kkonfermat illi *«Dan hu kaz klassiku ta' dilapidazzjoni tal-beni minn wiehed mill-konjugi. L-agir tal-konvenut ma jistax jigi deskritt mod iehor ghajr attakk ghall-beni li taghhom l-attrici hi wahda mit-titolari, minghajr ebda konsiderazzjoni ghall-interessi taghha»*, *«Inoltre, hemm ukoll l-intransigenza u rifjut min-naha tal-konvenut li jaghti nformazzjoni dwar x'ghamel bil-flus»*. Din is-sentenza parzjali ġiet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell fit-2 ta' Marzu, 2010;

b. It-13 ta' Ġunju, 2012 – fejn ġie kkonfermat dak kollu li jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti u li l-flejjes tal-komunjoni ttieħdu kollha mill-konvenut għalkemm ikkonferma li ma jafx x'sar minn l-istess flus. Din is-sentenza ġiet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell

fil-31 ta' Mejju, 2013.

22. Tispiċċa tgħid illi l-flus li ġew maqbuda, ħafna minnhom diġà tħallsu f'manteniment *pendente lite*, u li għalhekk huwa ferm dubjuż jekk għadx fadal flus sabiex ikun jistà jkompli jitħallas il-manteniment.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

23. Din il-Qorti tosserva li l-Ewwel Qorti, fis-sentenza appellata, ħadet in konsiderazzjoni l-aħħar digriet *pendente lite* mogħti minnha fil-5 ta' Ġunju, 2015, fejn hija kienet tal-fehma illi l-konvenut ma ressaqx provi suffiċjenti sabiex jissostanzja l-allegazzjoni tiegħu illi l-attriċi għandha introjtu ieħor apparti l-manteniment. Minħabba f'hekk ordnat illi *pendente lite* għandha titħallas is-somma ta' €350 f'manteniment. Fis-sentenza appellata jiġi spjegat illi wara dan id-digriet *pendente lite*, il-konvenut kompla ma ressaq l-ebda prova illi turi li tbiddlu ċ-ċirkostanzi li jistgħu jiġġustifikaw it-twaqqif jew it-tibdil fil-ħlas tal-manteniment. B'hekk hija żammet ferm mad-deċiżjoni tagħha, u kkonfermat illi l-obbligazzjoni ta' manteniment għandha tibqa' fis-somma ta' €350 fix-xahar. Fid-decide, l-Ewwel Qorti kompliet tgħid illi tali somma għandha titħallas direttament lill-attriċi mill-kontijiet tal-konvenut maqbuda ma' -omissis-, apparti li l-manteniment għandu jibqa' jogħla kull sentejn skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja.

24. Stabbilit il-premess, din il-Qorti għaddiet sabiex tara s-sitwazzjoni attwali tal-partijiet kif preżentata mill-atti tal-kawża, kif ukoll mil-likwidazzjoni tal-assi u d-diviżjoni tal-istess kif ikkonfermat fis-sentenzi bin-numru 17/2006 BS mogħtija minn din il-Qorti fil-21 ta' Jannar, 2025, fejn jirriżulta illi:

a. L-attriċi: (i) għandha 65 sena; (ii) ma jidhirx li din tipperċepixxi minn xi benefiċċju soċjali; (iii) minkejja li tgħid li għandha problemi ta' saħħa, dan ma ġiex ippruvat; (iv) għandha numru ta' assi li jammontaw għall-valur ta' madwar €1,369,890.69, li jikkonsistu fis-segwenti:

(i) Nofs ($^1/_2$) indiviż mill-fond numru 4, fi -omissis- – b'valur ta' madwar €85,000;

(ii) L-enfitewsi perpetwa tal-arja li fuqha nbnew tliet (3) flats fi -omissis-, internament immarkati bin-numru tnejn (2) u n-numru erbgħa (4) bl-arja tagħhom kif ukoll l-arja tal-flat internament immarkat bin-numru sitta (6) – b'valur ta' €190,000;

(iii) Il-qabar numru -omissis- fiċ-ċimiterju ta' Santa Marija, limiti Victoria, Għawdex – b'valur ta' €2,500;

(iv) Nofs ($^1/_2$) indiviż tal-garaxx b'żewġ bibien immarkati bin-

numri -omissis-formanti parti mill-blokk magħruf bħala -omissis-, fi -omissis- – b'valur ta' €45,000;

(v) Il-fond inkluż il-garaxx, mingħajr numru, bl-isem -omissis- b'valur ta' €186,349.51;

(vi) Nofs ($^{1}/_{2}$) indiviż tad-dirett dominju u propjetà assoluta biċ-ċens annwu u temporanju tal-fondi bin-numri -omissis- – b'valur ta' €60,000;

(vii) Kreditu ta' mija u tmenin elf ewro (€180,000) bħala l-valur ta' benefikati li saru f'sit ta' propjetà parafernali tal-konvenut, konsistenti f'bini ta' flats u ħwienet minnflok il-fondi bin-numru -omissis-;

(viii) Kreditu ta' sebgħa u tletin elf (€37,000) f'valur ta' benefikati li saru konsistenti f'bini ta' tlett (3) sulari u *semi basement* fi -omissis-minnflok il-fondi -omissis-;

(ix) Vettura tal-għamla Toyota bin-numru ta' reġistrazzjoni -omissis-; u

(x) Kreditu ta' €584,041.18 rappreżentanti sehemha mid-depożiti bankarji u investimenti li kellhom il-partijiet.

b. Il-konvenut: (i) għandu 64 sena; (ii) jikkonferma li jirċievi pensjoni ta' €700 kull erba' (4) ġimgħat; (iii) jgħid li ma għandux impjieg; (iv) jgħid li ma għandux flus; (v) għandu numru ta' assi li jammontaw għall-valur ta' madwar €1,580,671.18 li jikkonsistu fis-segwenti:

(i) Nofs indiviż ($^{1}/_{2}$) ta' kamra bla numru fi -omissis-, liema kamra illum tifforma parti mir-*restaurant* -omissis- – b'valur ta' €65,000;

(ii) Ottava parti ($^{1}/_{8}$) indiviża mill-ħanut bl-isem -omissis-– b'valur ta' €120,000;

(iii) Nofs indiviż ($^{1}/_{2}$) tad-drittijiet ereditarji li kellhom A u R, aħwa S, mis-suċċessjonijiet ta' F S, G S, G S u L S li ġew akkwistati mill-partijiet b'kuntratt tat-22 ta' Jannar, 1998 fl-atti tan-Nutar Dr Joseph Spiteri – b'valur ta' €180,000;

(iv) L-avvjament tan-negozju tar-restaurant -omissis-– b'valur ta' €230,000;

(v) Is-somma ta' mitejn u erbgħin elf ewro (€240,000) bħala kreditu għall-benefikati li saru fir-restaurant -omissis-;

(vi) Vettura tal-għamla Isuzu Pick-Up bin-numru ta' reġistrazzjoni -omissis-;

(vii) Lanċa bl-isem -omissis- bin-numru ta' reġistrazzjoni -omissis-; oħra bl-isem -omissis- bin-numru ta' reġistrazzjoni -omissis-; u fregatina mingħajr isem – b'valur globali ta' €161,630;

(viii) Flus minn depożiti bankarji u investimenti bankarji tal-partijiet li ħa matul iż-żwieġ – b'valur ta' €584,041.18.

25. Sfiq mal-premess, u <u>rigward id-dritt *o meno* tal-attriċi għall-manteniment</u>, din il-Qorti tara illi l-attriċi tgħid għamlet żmien twil taħdem fir-*restaurant* tal-konvenut, iżda meta din telqet mid-dar matrimonjali ma baqgħatx taħdem hemm u tikkonferma li wara li sseparat *de facto* minn ma' żewġha hija qatt ma ħadmet bi qligħ. Tammetti li sakemm zijuha kien għadu ħaj, kienet tgħinu u ġieli kien jagħtiha xi ħaġa tal-flus f'idejha; li ġieli nadfet il-*flats* tal-familja tagħha iżda li normalment tieħu ħsiebhom oħtha; u li ġieli xi drabi fis-sena tnaddaf *flat* ta' ħabiba tagħha Ingliża qabel ma' din tiġi Malta u meta tagħmel dan ħabibtha tagħtiha xi ħwejjeġ. Madankollu tgħid li ma tiħux benefiċċji soċjali, iżda trid li żewġha jagħtiha dak li hu tagħha.

26. Min-naħa l-oħra, il-konvenut jgħid illi hu għandu informazzjoni li l-attriċi tnaddaf għand in-nies u taħdem ukoll ma' -omissis-. Fix-xhieda tiegħu jispjega illi din l-informazzjoni għaddihielu ċertu T Z, li ġab l-informazzjoni minn xi ħadd li jaħdem ma' -omissis-. Barra minn hekk, il-konvenut jinsisti illi t-testment taz-ziju A S ukoll juri illi l-attriċi kienet tieħu ħsieb lil zijuha meta kien għadu ħaj u li kienet tħallas tas-servizzi tagħha.

27. Il-konvenut jilmenta illi għat-talba tal-manteniment, l-Ewwel Qorti injorat il-massima legali *incumbit probatio ei qui dicit, non qui negat*, hekk kif skontu kellha tkun l-attriċi illi tipprova li teħtieġ il-manteniment

minn għand żewġha u mhux viċi versa.

28. Jirriżulta lil din il-Qorti illi l-attriċi ma nstabitx ħatja għat-tifrik taż-żwieġ, iżda kien il-konvenut li nstab ħati ta' eċċessi, moħqrija, swat u vjolenza domestika konsistenti f'dik fiżika kif ukoll psikoloġika – liema ħtija ma ġietx appellata. Għalhekk, ma kien hemm xejn xi jwaqqaf lill-attriċi milli titlob manteniment għaliha nnifisha minn għand il-konvenut u dan iktar u iktar meta ma ġiex ippruvat li għandha xi tip ta' introjtu jew pensjoni. Hi ppruvat illi l-konvenut żbanka l-flejjes kollha li huma kellhom depożitati fil-banek u investiti ma' numru ta' kumpaniji. Qalet illi meta sseparat *de facto* minn żewġha, kellha madwar 41 sena u dak iż-żmien ma marritx taħdem għaliex ħasset l-obbligu li tieħu ħsieb lil uliedha li dak iż-żmien kienu għadhom jiddependu fuqha. Ikkonfermat illi kienet tmur għand ommha tgħinha, tieħu ħsieb xi *flats* ta' familtha meta kien meħtieġ u anke għamlet żmien tieħu ħsieb lil zijuha li kien marid. Tgħid illi apparti dak imsemmi minnha, hi ma ħadmitx bi qligħ. B'hekk l-attriċi talbet illi filwaqt li tieħu sehemha mill-assi konġunti, il-konvenut għandu jmantniha ukoll.

29. Min-naħa l-oħra, l-konvenut kien hu li allega illi l-attriċi tabilħaqq taħdem iktar minn impjieg wieħed u ddaħħal introjtu.

30. L-Ewwel Qorti qalet li l-konvenut naqas milli jipprova dak allegat

minnu bħala difiża għat-talba tal-attriċi għall-manteniment. Il-fatt li l-attriċi għamlet żmien tieħu ħsieb lil zijuha ma jfissirx li dan kien impjieg minnu nnifsu bi qliegħ. Għalkemm l-attriċi kkonfermat li zijuha kien jagħtiha xi ħaġa tal-flus f'idejha, il-konvenut ma rnexxilux iġib prova ta' kemm kienet iddaħħal flus. Fi kwalunkwe każ, illum il-ġurnata z-ziju A S miet u għalhekk ma għadx hemm relevanza għax-xogħol li xi darba kienet tagħmel l-attriċi. Magħdud ma' dan u fir-rigward tal-allegazzjoni li fil-preżent, l-attriċi taħdem bħala seftura man-nies u bħala impjegata ta' -omissis-, il-konvenut ma jistax jippretendi li l-Qorti tistrieħ fuq il-prova li tikkwalifika bħala *hearsay*.

31. Fid-dawl ta' dan, din il-Qorti tara illi għall-kuntrarju tal-konvenut, l-attriċi tinsab fil-pożizzjoni li lanqas għandha pensjoni. Minkejja dan, mill-provi jidher li kien hemm xi żmien li kienet tipperċepixxi minn xi benefiċċji, iżda tgħid li kellha trodd kollox lura lid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali. Huwa minnu illi l-manteniment ma huwiex dritt sagrosant ta' min jissepara iżda jiġi ordnat il-ħlas tiegħu meta jirriżulta l-bżonn u dan skont **Artikolu 20 (1) tal-Kodiċi Ċivili**.

32. Fil-każ odjern, huwa minnu illi l-attriċi għandha numru ta' proprjetà fuq isimha, li tista' tikri, iżda ma nġabitx stima ta' kemm jistgħu jkunu dawn il-kirjiet sabiex b'hekk il-Qorti jkollha idea dwar kemm jista' jkun l-introjtu tal-appellata. Huwa minnu ukoll li l-attriċi għandha tiġbor

mingħand il-konvenut kreditu konsiderevoli li jirrappreżenta sehmha mill-flejjes li ġew iġġenerati matul iż-żwieġ. Madankollu, din il-Qorti ma għandha l-ebda ċertezza dwar meta dawn il-flejjes ser jiġu ritornati lura lill-attriċi. Fiċ-ċirkostanzi, lanqas ma hemm ċertezza li din tista' tkun eleġibbli għal xi tip ta' benefiċċju, assistenza jew pensjoni minħabba l-assi li hija għandha f'isimha. Għalhekk, din il-Qorti hija tal-fehma li tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha, l-Ewwel Qorti kienet korretta meta ordnat lill-konvenut sabiex iħallas manteniment lill-attriċi.

33. Għal dak li jirrigwarda l-ammont dovut, din il-Qorti tqis li għall-kalkolu tal-manteniment m'hemmx formola stabbilita fil-liġi li biha l-Qorti għandha tagħmel il-kalkoli biex imbagħad joħroġ ir-riżultat ta' kemm għandu jkun il-manteniment. Madankollu, l-**Artikolu 20 tal-Kodiċi Ċivili** jservi mezz ta' gwida sabiex jassisti lill-Qorti tasal għall-konkluzjonijiet tagħha f'dan ir-rigward.

34. Din il-Qorti tara illi: (i) mal-mument li s-sentenza bin-numru 17/2006 tiġi eżegwita, iż-żewġ partijiet b'mod ugwali jkollhom ammont ta' mezzi li jgħinhom jgħixu ħajja adegwata; (ii) ma jidhirx li l-partijiet għandhom xi djun partikolari, għajr dak li l-konvenut irid jagħti lill-attriċi sabiex jagħmel tajjeb għall-flejjes li ħa mingħajr il-kunsens tagħha u l-benefikati f'ċertu immobbli; u (iii) il-bżonnijiet tal-partijiet huma normali, hekk kif ma jiriżultax li għandhom bżonnijiet partikolari ħlief għal ħajja ta'

kuljum. Madankollu fiċ-ċirkostanzi, din il-Qorti temmen illi somma fissa fix-xahar lill-attriċi bħala manteniment hija ta' serħan il-moħħ għall-appellata li jkollha dejjem dħul fuq xiex tista' sserraħ peress illi ma għandhiex pensjoni.

35. Din il-Qorti hija tal-fehma illi l-ammont ordnat ta' €350 fix-xahar huwa ġustifikat, tenut kont li hekk l-attriċi ser ikollha madwar €82 fil-ġimgħa għall-għixien tagħha. Dan fid-dawl tal-fatt li fl-2015, ġie deċiż illi l-liġijiet soċjali jippreżumu illi bniedem jista' jgħix b'ammont ta' madwar ħamsa u disgħin Ewro (€95) fil-ġimgħa (ara **B V v. R V**, deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Frar, 2015). Naturalment, illum fl-2025 ir-rati huma aktar għoljin, u għalhekk is-somma ta' €82 fil-ġimgħa hija aktar milli konservattiva. Din il-Qorti tara ukoll illi wara li l-konvenut jgħaddi dan il-manteniment lill-attriċi, huwa ser jibqagħlu flus biżżejjed f'idejh sabiex ikun jista' jgħajjex lilu nnifsu.

36. <u>Fir-rigward tal-mod kif għandu jitħallas il-manteniment</u>, din il-Qorti tara illi l-konvenut appellant jilmenta dwar il-fatt li l-Ewwel Qorti ordnat illi l-manteniment jittieħed mill-flus maqbuda mal--omissis-, u dan permezz ta' mandat ta' sekwestru li għandu jibqa' viġenti. Jispjega illi tali ordni ma kellha qatt issir mill-Ewwel Qorti, u jekk xejn tali deċiżjoni hija waħda *ultra petita*.

37. F'dan il-kuntest, il-Qorti tara **Artikolu 54(3) tal-Kodiċi Ċivili**, li jistipula:

> *«Għandhom japplikaw mutatis mutandis id-dispożizzjoniet tal-artikolu 381(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, b'dan iżda illi l-istess artikolu għandu jinftiehem li, anke fejn ma ssirx talba għal dak provdut f'dak l-artikolu minn parti li jkun dovut lilha l-manteniment, jew għal dik il-parti jew għall-ulied, il-qorti tista' minn jeddha tapplikah».*

38. **Artikolu 381(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, imbagħad jgħid:

> *«B'dak kollu li jingħad fid-dispożizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu, fil-kawżi ta' manteniment, il-qorti, jew fis-sentenza jew f'digriet li jingħata wara fuq talba għal daqshekk mill-kreditur li jitlob il-manteniment, meta l-kreditur ikun waħda mill-partijiet fiż-żwieġ, jew it-tfal minuri jew inkapaċi, jew l-axxendenti tad-debitur, tista' tordna illi parti speċifikata tas-salarju, pensjoni jew legat imsemmijin fis-subartikolu (1)(a), (b) u (d) jew tas-salarju ta' xi persuna, tiġi mħallsa direttament lill-kreditur; in-notifika ta' dak l-ordni lill-persuna illi għandha tagħti s-salarju, pensjoni, jew legat hawn fuq imsemmijin għandha l-istess effett daqs mandat ta' sekwestru; u l-persuna hekk innotifikata għandha tħallas direttament lill-kreditur il-parti tas-salarju, pensjoni jew legat speċifikat fil-mandat.»*

39. Madankollu l-Qorti tqis li ma hemm xejn fil-liġi li jillimita lill-Qorti milli tiddeċiedi mod ieħor il-modalità tal-esekuzzjoni tal-ħlas dovut lill-attriċi. Tirreferi għall-Artikolu 222 tal-Kap. 12 l jgħid hekk:

*Jekk it-talba tkun dwar esekuzzjoni ta' fatt, fis-sentenza għandu jingħata żmien, skont iċ-ċirkostanzi, li fih it-tellief għandu jesegwixxi l-fatt, u għandu jingħad ukoll kif għandha tiġi esegwita s-sentenza fin-nuqqas tal-esekuzzjoni tal-fatt.*

F'dawn iċ-ċirkostanzi din il-Qorti hi tal-fehma li ma kien hemm ebda nuqqas fil-mod kif iddeċidiet l-Ewwel Qorti dwar il-ħlas tal-manteniment. B'danakollu iżżid li l-attriċi tista' tinqeda b'mezzi eżekuttivi oħra jekk l-investiment ma jibqax biżżejjed biex titħallas għal kollox dak dovut lilha.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi dan l-appell billi tiċħdu u tikkonferma s-sentenza appellata.

Fit-termini tal-**Artikolu 35(3) tal-Kodiċi Ċivili**, il-Qorti tindika li n-numru progressiv ta' reġistrazzjoni tal-Att taż-Żwieġ tal-partijiet huwa -omissis-, u għalhekk tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex jinnotifika lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku b'din is-sentenza ta' divorzju fi żmien tletin (30) jum mil-lum sabiex din is-sentenza tiġi reġistrata.

L-ispejjeż tal-proċeduri tal-appell għandhom jitħallsu mill-appellant.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti | Giannino Caruana Demajo | Anthony Ellul |
| Prim Imħallef | Imħallef | Imħallef |

Deputat Reġistratur
da